Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 407/2014

**Mark Sammut (ID 155773M)** **(appellant)**

**vs**

**A.L. Investments Limited** **(appellat)**

21 ta' Frar, 2017

Din is-sentenza titratta dwar appell tal-attur u appell inċidentali tas-soċjeta' konvenuta minn sentenza tat-Tribunal Għal Talbiet Żgħar tal-4 ta' Frar 2015, fejn intqal:-

*"It-Tribunal,*

*Ra l-avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fit-23 ta' Ġunju, 2014 fejn l-attur talab li s-soċjeta' konvenuta tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tlett elef u disa u għoxrin Ewro(€3029) rappreżentanti ħlasijiet li għamel l-attur u li kellhom ikunu a karigu tal-konvenut li minkejja l-ftehim bejn il-partijiet fil-ġimgħat li għaddew xorta talab mingħand ir-rikorrenti l-ammont ta' flus li jinkludi dak imħallas mill-esponenti kif sar jirriżulta waqt il-kawża.*

*Bl-ispejjeż, bl-imgħax u minn issa s-soċjeta' intimata nġunta għas-subizzjoni .*

*Il-konvenut eċċepixxa permezz ta' risposta ppreżentara fil-21 ta' Lulju, 2014 illi:*

*1. Fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-azzjoni attriċi hija nulla u rritwali stante li l-avviż tat-Talba odjerna hija redatta b' mod lankoniku għall-aħħar b' tali mod u manjiera illi ma huwiex possibbli għall-konvenut li fir-rigward tat-talba jiddetermina fejn u meta ġara, u fir-rigward ta' xiex saru l-allegati ħlasijiet;*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jigu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attur;*

*3. Salv eċċezzjonjiet ulterjuri.*

*It-Tribunal semgħa l-partijiet u ra d-dokumenti ppreżentati mill-partijiet. Din il-kawża tirrigwarda bilanċ ta' ħlas ta' tlett elef Liri Maltin (Lm3000) li l-attur kien fadallu jħallas lis-soċjeta' konvenuta wara li din tlesti x-xogħlijiet miftehma. Għal dawn it-tlett elef liri Maltin(Lm3000) inħarġu kambjali.*

*L-attur isostni illi dawn ħallashom iżda fis-sena 2014 is-soċjeta' konvenuta eżerċitat d-dritt tagħha tal-kambjali u ħarġet mandat fejn inġibdu erbat elef, tlett mija u erba u ħamsin Ewro u sebgħin ċenteżmu (€4,354.70ċ).*

*L-attur spjega illi hu kien ħallas ħames mitt Liri Maltin (Lm500) lil tal-aluminium u ħames mitt Liri Maltin (Lm500) lill-kumpanija konvenuta biex hekk qal ħallas l-ewwel elf Lira maltija (Lm 1000). Dan il-ħlas jidher illi hemm qbil fuqu u li tħallas verament. Rigward it-tieni elf Lira maltija (Lm 1000) l-attur jgħid illi ħallas l-installazzjoni tad-dawl fil-flat liema ammont kellu jitħallas mis-soċjeta' konvenuta.*

*Fuq dan il-ħlas ma hemmx qbil għaliex l-attur jgħid illi ħallas l-installazzjoni kollha tad-dawl fil-flat mentri s-soċjeta' konvenuta tgħid illi l-attur ħallas biss xogħlijiet extra li ordna dan stess fil-flat tiegħu. Is-soċjeta' konvenuta ssostni li ħallset il-kumplament lil min għadda d-dawl.*

*Il-partijiet ma qablux fuq dan il-ħlas u l-provi li nġabu kienu stima fil-kont, mamma taċ-ċekkijiet imħallsa mis-soċjeta' konvenuta li ma jkoprux l-ammont kollu.*

*L-attur lanqas jipprovdi prova ċara li fil-fatt ħallas hu l-ammont intier meta għadda d-dawl.*

*Ġie preżentat pero' dokument LM3 li jindika fil-fatt li l-electrician kien fadallu jiġbor l-ammont ta' seba mija u wieħed u tmenin Liri maltin (Lm781) mingħand Mark Sammut, l-attur. Dan l-ammont jidher li huwa l-kont tax-xogħlijiet extra li ordna l-attur.*

*It-Tribunal mhux sodisfatt illi l-attur jirnexxilu jipprova l-ħlas tiegħu lil dan l-electrician għall-ammont intier tax-xogħlijiet li sar fil-flat li qal li kellhom jiġu paċuti mat-tieni elf Lira Maltin (Lm1000) li kellhom jitħallsu lis-soċjeta' konvenuta. It-Tribunal jemmen illi l-attur ħallas għal dak ix-xogħol extra li ried fil-flat tiegħu.*

*It-Tribunal ikompli jikkunsidra l-kwistjoni tal-lift . Jidher illi l-attur għamel spejjeż ta' tlett mija u tlett Ewro u ħamsin ċenteżmu (€303.50ċ) li huwa terz tal-ammont fid-dokument MS3 ippreżentat mill-attur. Is-soċjeta' konvenuta lanqas taqbel ma dan l-ammont li tħallas u tgħid li dan tħallas ad insaputa tagħha. It-Tribunal jinnota pero l-lift kellu jinħariġlu ċertifikat li qatt ma ġie prodott mis-soċjeta' konvenuta u fis-sena 2011 l-attur flimkien mas-sidien l-oħra tal-appartamenti ħallsu biex dan il-lift jiġi in regola u jiffunzjona tajjeb.*

*It-Tribunal huwa sodisfatt mill-provi prodotti illi l-attur kellu kull dritt illi jirranġa s-sitwazzjoni tal-lift wara ħafna żmien li s-soċjeta' konvenuta naqset illi tagħmel.*

*It-Tribunal għalhekk isostni li jkun ġust illi l-attur jiġi kompensat għall-ħlas li għamel tal-lift u għalhekk jilqa' t-talba attriċi limitatament għall-ammont ta' tlett mija u tlett Ewro u ħamsin ċenteżmu (€303.50ċ) bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-Avviż sal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mis-soċjeta' konvenuta."*

L-attur appella mis-sentenza fuq il-kostatazzjoni ta' fatti li għamel it-Tribunal u li skont l-attur ta lok għal deċiżjoni żbaljata. L-appell hu impernjat fuq konklużjonijiet li kellhom jiġu raġġunti mit-Tribunal *in vista* tal-provi li kien hemm, minflok il-konkużjonijiet li wasal għalihom l-istess Tribunal u li għaldaqstant qed jitlob li din il-Qorti tagħmel dan l-eżerċizzju u b'hekk tħassar, tirrevoka u tannulla is-sentenza tat-Tribunal u tilqa' it-talbiet tal-attur appellant għall-ħlas

tal-ammont kollu mitlub ta' €3,029.00, bl-ispejjeż.

Kif qalet il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Superjuri)[1]:

*"Din il-Qorti tibda billi tosserva li hija prassi ormai stabbilita li fin-nuqqas ta' provi li juru li tezisti raġuni jew raġunijiet serji u gravi biżżejjed li jiddettaw mod ieħor, din il-Qorti tat-tieni grad kemm jista' jkun ma tiddisturbax dak l-apprezzament u evalwazzjoni tal-provi li jkunu saru mill-ewwel Qorti, u li, allura, tkun qegħda fl-aħjar qagħda li tisma', tikkontrolla u tevalwa l-istess provi u xhieda prodotta u mismugħa quddiemha. Illi, fit-tieni lok, imbagħad, minn eżami akkurat tal-provi akkwiżiti, din il-Qorti ma jidhrilhiex li kien hemm xi apprezzament zbaljat jew xi konkluzjoni erroneja min-naħa tal-ewwel Qorti. Huwa minnu li kemm fix-xhieda mogħtija min-naħa u kemm min-naħa opposta din il-Qorti tintravedi ċerti lakuni u amneżiji konvenjenti imma fl-istess waqt hemm provi adegwati u suffiċjenti li jindikaw li għandha tipprevali l-verżjoni tal-fatti kif premessi mill-attriċi appellata."*

L-aggravji tal-attur huma:

1.Li mill-att ta' akkwist[2] kien jidher li l-attur kien xtara l-appartament komplut i. mid-dawl u l-ilma, ii. bl-aperturi tal-*aluminium* u iii. bil-komun bil-*lift* kollox jaħdem.

2. Li tlett kambjali ta' Lm1,000 kull wieħed (bilanċ tal-prezz tal-appartament komplut skond il-kuntratt tal-akkwist) inżammu biex jagħmlu tajjeb għal *finishings* li kien għad fadal xi jsir fl-appartament u sehmu f'tal-komun, li wara ħallas għalihom direttament l-attur b'arranġament mal-konvenut u kellhom suppost jiġu paċuti mal-kambjali favur il-konvenut (li biegħlu l-appartament *on plan* kombinat ma' ftehim ta' appalt biex jitlesta l-istess appartament).

3.Illi huwa paċifiku li l-istess kambjali (2 li kien fadal) xorta kellu l-attur iħallashom għax wara diżgwid mal-konvenut, dan ħa passi ġudizzjarji biex jiġbor il-ħlas tal-kambjali.

4.Il-kwistjoni tibqa' għalhekk dwar il-*quantum* tal-ħlasijiet tax-xogħol li għamel l-attur, li kellu jitħallas tagħhom għax kienu parti mill-akkwist u appalt li kien issa kollu imħallas u l-istess xhieda tal-attur ma kelliex titqies li m'hijiex kredibbli meta ġiet korroborata bir-riċevuti ta'

[1] Qorti tal-Appell (Kompetenza Superjuri) tal-27 ta' April, 2001, Cit. Nru. 304/97 GV fl-ismijiet Laura u Francis konjuġi Seguna vs Francis u Elizabeth konjuġi Mallia.
[2] A fol. 18 sa 24 tal-proċess tat-Tribunal.

kollox sal-inqas dettall.

5.Ma sar ebda aċċenn u konklużjoni dwar il-ħlas li sar vis-a-vis l-aperturi tal-*aluminium.*

Il-konvenuta wieġbet u pproponiet appell inċidentali, fejn intqal:

1.Ma ġiex ippruvat li kien hemm xi arranġament li jiġi paċut l-kambjali max-xogħol li għamel l-attur fuq l-appartament.

2.Illi s-soċjeta' konvenuta taqbel biss li xogħol tal-gypsum fl-ammont ta' Lm500 tħallas direttament mill-attur (f'isem il-konvenut) u ħallas lis-soċjeta' konvenuta Lm500 mija oħra biex l-ewwel mit-tlett kambjali ta' Lm1,000 ġie kollu mħallas.

3.Illi dwar ħlas li sar fuq xogħol ta' elettriku*, plumbing* u aperturi tal-*aluminium* tgħid li ġew ippreżentati d-dokumenti tal-ħlas kollu li saret mis-soċjeta' konvenuta u li ħlas li għamel l-attur kienu għax ried xogħol iktar minn dak miftiehem, u cjoe' għal xogħol addizjonali inkluż *double glazing* u iktar *points* tal-elettriku fl-appartament.

4.Illi hija ħallset għax-xogħol kollu tal-blokk appartamenti kif jirriżulta mid-dokumenti fil-proċess[3].

5.Li ma sar ebda provi ta' ħlas mill-attur.

6.Li għar-rigward il-*lift,* is-soċjeta' konvenuta tirribatti li l-*lift* kien ilu jiffunzjona u iżżid li ma kenitx ħallset l-ammont kollu tal-*lift* għax kienet ftehmet mad-direttur tas-soċjeta' li installat il-*lift*, li tħallas li kien baqa' meta jiġi ċċertifikat, li kien qatt għadu ma għamlu u apparti hekk li tant kien kollox jaħdem li ġie eżebit dokument mill-perit Etienne Magri [4], fejn iċċertifika *the completion of structural and finishing works on the property,* u għalhekk tikkonkludi li l-lift kien ilu jaħdem u komplut.

Għar-Rigward L-Appell Inċidentali dan sar minħabba:

1.Fejn fis-sentenza tat-Tribunal jissemma li sar ħlas mill-attur ta' Lm500 xogħol tal-*aluminium,* (fejn l-istess Tribunal kien qed jirreferi għax-xhieda tal-attur), dan l-ammont l-attur kien qed jirriferi għal-gypsum u mħux l-*aluminium.*

2.Illi s-soċjeta' konvenuta m'għandiex tħallas l-ammont mitlub għar-rigward il-*lift* għax

[3] Is-soċjeta' konvenuta tagħmel referenza għad-dokumenti eżebiti a fol. 61 sa 63, 69, 72 u 73.
[4] A fol. 42 tal-proċess tat-Tribunal.

il-versjoni tal-attur kellha ħafna kontradizzjonijiet u mħux affidabbli waqt li s-soċjeta' konvenuta ippruvat li l-*lift* kien jiffunzjona u lest għajr għall-finali ċertifikazzjoni tiegħu u reġa issemma bħala prova ta' dan, iċ-ċertifikat tal-perit Etienne Magri imsemmi fir-Risposta tiegħu tal-Appell.

Għaldaqstant talbet li li jiġi dikjarat i. Għar-rigward tal-ħlas tal-gypsum kien hemm qbil u ii. Ma hemm ebda ammont dovut lill-attur. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur u ma kelliex teħel l-ispejjes quddiem it-tribunal, is-soċjeta' konvenuta.

L-attur ma weġibx għall-appell inċidentali;

*"pero' huwa ġeneralment aċċettat li fi stadju tal-appell ma teżistix kontumaċja kif insibuha fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-ewwel istanza. Dan jidher ukoll ċar minn dak li nsibu fis-subartikolu (3)* [5] *tal-istess artikolu ċitat mis-soċjeta 'ritrattanda fejn jingħad espressament li n-nuqqas ta' xi parti milli tippreżenta tweġiba jew risposta fit-termini stabbiliti ma għandhiex twaqqaf lil dik il-parti milli tidher quddiem, jew tagħmel sottomissjonijiet lil qorti matul is-smigħ tal-appell."* [6]

**<u>Fatti fil-qosor li rriżultaw mill-provi</u>**:

L-attur ippropona l-kawża għall-ħlas ta' €3,029, spejjeż li allega li għamel biex spiċċa *finishings* li kien għamel fl-appartament tiegħu, li skont hu kellhom isiru mis-soċjeta konvenuta kif pattwit fil-kuntratt ta' akkwist. Dan wara li l-attur akkwista arja li fiha nbena apartament numru 2, Medina Court, Triq il-Qotton, Naxxar. Fil-kuntratt jingħad li l-konvenuta kellha tibni l-appartament bil-prezz ta' Lm21,000:

*"li minnhom il-kuntrattur/venditur jiddikjara li diġa' rċieva mingħand il-kompratur is-somma ta' elfejn u mitt lira (Lm2,100), hmistax-il elf u disa' mitt lira (Lm15,900) jitħallsu fi żmien xahar (1) mil-lum sa liema żmien l-appartament irid ikun lest sal-istat ta' ġebel u saqaf, elf lira (Lm1,000) oħra jitħallsu meta jitlestew il-partijiet komuni, elf lira (Lm1,000) oħra mal-bini tal-washroom u l-finishing tal-komplut tal-appartament, u l-bilanċ ta' elf lira (Lm1,000) jitħallas mal-installazzjoni u l-funzjoni tal-lift"*.

Kien fadal tlett kambjali ta' Lm1,000-il wieħed x'jitħallsu fuq l-kuntratt, sabiex jagħmlu tajjeb għax-xogħol li kien għad irid isir mis-soċjeta konvenuta u li dwaru kien għad trid titħallas mill-attur. Kambjali li ħarġu fl-10 ta' Ottubru, 2002 li l-qorti fehmet li hi d-data

[5] Art. 146 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
[6] Joseph Anthony Gasan *et* vs Hix Limited, 26 ta' Ottubru, 2005, Appell Inferjuri per Imħallef Alberto Magri.

tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ[7].

L-attur jidher li kien għamel, u hemm qbil dwar dan u mħux iktar in kontestazzjoni, ħlas ta' Lm500 għal xogħol ta' *gypsum* kif ukoll ħlas ieħor ta' Lm500 lis-soċjeta' konvenuta. Dan wassal għall-estinzjoni tal-obbligazzjoni ta' ħlas tal-ewwel kambjala. Skont ma' xehed l-attur kien hemm dawn il-ħlasijiet li għamel hu u li suppost kellhom isiru mis-soċjeta konvenuta[8]:

- Lm580................... aluminju.
- Lm252................... xogħol ta' plumbing.
- Lm370................... xogħol tad-dawl.
- €303....................... sehemu minn spejjeż relatati ma' xoghol li sar fil-lift.

**€3,102.90......TOTAL**.

Albert Xuereb, uffiċjal tas-soċjeta konvenuta, xehed[9]:

*"(....) nibda biex ngħid li dwar il-ħames mija (500) illi ħallas lil tal-aluminju jiena dawn naqbel magħhom, iżda dwar l-affarijiet l-oħra illi ħallas jiena ma nidħolx fihom fil-fatt ngħid illi lil tal-elettriku u tal-plumbing, l-electrician jiena ħallastu biex għamilli l-blokka kollha nkluż dik ta' Mark Sammut. Jiena ngħid illi t-tlett mija u tlett ewro (303) tal-lift dan ma kellu iħallashom għax jien kelli agreement mal-kumpannija tal-lifts biex inħallas il-kumplament malli jippreżentaw iċ-ċertifikat. Jiena nispjega illi lili m'avżawni xejn dwar dan li kienu ser jagħmlu u ma kont naf b'xejn"*.

Jidher li wara li kien hemm diżgwid mas-soċjeta' konvenuta dwar allegazzjonijiet li l-istess attur beda jagħmel fuq Albert Xuereb, u s-soċjeta' konvenuta bdiet proċeduri biex tiġbor il-flus taż-żewġ kambjali li kien fadal, b'total ta' Lm2,000. Fil-fatt jirriżulta li fuq talba tas-soċjeta konvenuta kien inħareġ mandat ta' sekwestru numru 959/2014 u l-Bank of Valletta plc kien iddepożita dik is-somma l-qorti[10]. B'din il-kawża l-attur ħarrek lill-konvenuta għall-ispejjeż tax-xogħol li jsostni li ħallas minn butu meta suppost tħallsu mis-soċjeta konvenuta.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

Mill-att ta' akkwist hu evidenti li x-xogħol relatat i) mid-dawl u l-ilma, ii) aperturi u iii)

---

[7] Ara kopja tal-kambjali a fol. 55.
[8] Deposizzjoni tal-attur (fol. 37).
[9] Fol. 38.
[10] Ara dokumenti a fol. 30-31.

bil-komun bil-*lift* kollox jaħdem, kellhom isiru mis-soċjeta konvenuta (ara MS5, fol. 25-29).

Il-qorti tosserva li fir-rigward tas-somma ta':

i. **Lm545.20 (€1,270)** għall-aperturi tal-aluminju, hi dovuta lill-attur. Kien Albert Xuereb stess li xehed li jaqbel li l-attur ħallas lil tal-aluminju, u jagħti x'jifhem li kien tah *go ahead* biex jieħu ħsieb jagħmel dak ix-xogħol. Għalkemm qal li jaqbel mas-somma ta' Lm500, mid-dokument a fol. 16 jirriżulta li effettivament l-attur ħallas is-somma ta' Lm545.20 (total wara li tnaqqsu 6% mill-prezz, kif jingħad fl-imsemmi dokument). Hu veru li Albert Xuereb ikkontesta li l-attur ħallas lil tal-gypsum[11], pero' ma ġabx prova li ħallas hu. Hu veru wkoll li l-attur ma ġabx prova li ħallas għax-xogħol tal-gypsum. Pero' jirrizulta li l-ewwel pagament ta' Lm500 kien sar permezz ta' bank draft tal-HSBC fil-11 ta' Lulju 2003[12]. Ix-xogħol tal-aluminju tħallas fil-15 ta' Jannar 2004[13], sitt xhur wara l-ewwel pagament ta' Lm500. Għalhekk fuq bażi ta' probabilta l-qorti tikkonkludi li f'Lulju 2003 sar biss ħlas ta' Lm500 u mhux Lm1,000 proprju għaliex f'dak l-istess żmien tħallas il-gypsum mill-attur. Meqjus ukoll dak li ser jingħad hawn taħt, il-qorti tqies li l-verżjoni tal-attur hi iktar kredibbli minn dik ta' Albert Xuereb. Dan apparti l-fatt li fit-twegiba tal-appell, l-appellat jidher li jaqbel li x-xoghol tal-gypsum tħallas mill-attur (ara paragrafu numru 7, fol. 19).

ii. **€303** għall-ispejjeż li saru fir-rigward tal-lift, kien l-istess Albert Xuereb li qal li ma kienx ħallas lil ta' Advent Lifts Services Ltd għaliex kienu għadhom ma tawhx CE certification. Din kienet materja li s-soċjeta konvenuta kellha ssolvi mal-kuntrattur. Ir-realta' tibqa' li l-attur u s-sidien l-oħra baqgħu żmien twil mingħajr użu tal-lift minkejja li kien installat. Kien biss fl-2011 li nħareġ il-kont rigward l-ispejjeż relatati għat-tlestija tax-xogħol biex il-lift ikun jista' jintuża. Il-qorti taqbel perfettament mat-Tribunal li l-attur u s-sidien l-oħra kellhom kull dritt li jirranġaw, *"(.....) is-sitwazzjoni tal-lift wara ħafna żmien li s-soċjeta konvenuta naqset illi*

[11] Skont id-dokument a fol. 28 li jiddeskrivi x-xogħol li kellu jsir mis-soċjeta konvenuta, *"All apartments are to have a gypsum plastering with both rough and smooth in thickness"*.
[12] Fol. 54.
[13] Dok. MS1 a fol. 16.

*tagħmel"*. Meqjus dak li ser jingħad hawn taħt, il-verżjoni tal-attur hi iktar kredibbli.

iii. **Lm252 u Lm370 (€1,448.87)** għall-ispejjeż relatati ma' dawl u ilma. M'huwiex kontestat li l-ispiża kienet a karigu tal-konvenuta, kif wara kollox jirriżulta wkoll mid-dokument a fol. 28-29 li fih deskrizzjoni tax-xoghol li kellha twettaq il-konvenuta[14]. Hu evidenti li l-attur ibbaża il-pretensjoni fuq l-istima li kienet ingħatat lis-soċjeta konvenuta fir-rigward tal-istess xogħol li kellu jsir f'appartamenti oħra fil-blokk (ara dokumenti a fol. 14 u 15). Il-persuna li għamlet ix-xogħol ma tressqitx bħala xhud. Dwar din il-materja l-uniċi xhieda kienu l-attur u Albert Xuereb, li taw verżjonijiet differenti. Albert Xuereb xehed li *"(...) lil tal-elettriku u tal-plumbing, l-electrician* ***jien ħallastu biex għamilli l-blokka kollha nkluż dik ta' Mark Sammut****"*[15]. Pero' mid-dokumenti eżibiti hu evidenti li:

(a) Spejjeż li saru fl-appartament tal-attur (numru 2), saru minnu. F'dan ir-rigward il-qorti tagħmel riferenza għal Dok. LM1-LM3 (fol. 61-63) li huma stima tax-xogħol li kellu jsir, b'total ta' Lm802 ghal xogħol ta' plumbing u Lm2281 ghal xogħol tal-elettriku. Hemm ukoll riċevuta (fol. 63) u fiha jingħad li fir-rigward tas-somma ta' Lm2,281 kien għad fadal x'jitħallas bilanċ ta' Lm780. M'hemmx dubju li l-istima li ngħata l-attur fir-rigward tax-xogħol relatat mad-dawl u ilma, m'huwiex biss *extra work*. Konklużjoni li l-qorti waslet għaliha meta għamlet paragun bejn l-istima li nħarġet f'isem l-attur u datata 13 ta' Awissu, 2003 u l-istima li nħarġet f'isem Albert Xuereb u datata 25 ta' Awissu 2003 (xoghol tal-elettriku) u l-1 ta' Ottubru 2003 (xogħol tal-ilma). Bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jkun li l-istima li saret lill-attur tirreferi biss għal *extra work*.

(b) Is-soċjeta konvenuta ħadet ħsieb ix-xogħol li sar fl-appartamenti l-oħra (Dok.

---

[14] *"Water and electricity: Each apartment is to have 2 double points at each room and four double points in main bedroom and six double points in kitchen, all rooms are to have another point for one bulb (conduit only). Each washroom is to have one point brought from each individual flat and one main point brought from main service box (conduit only). These works are to consist only in the fixtures of the pipes and sockets without wires, plugs and switches. The water system is to be carried out from near the meter up to the tank (tank not included) and from tank to the external of bathrooms and kitchen passed through the internal shafts"* (fol. 28).

[15] Fol. 38.

FL1-FL5). B'riferenza ghad-dokument FL6[16] fejn Xuereb semma l-ħlasijiet li għamlet is-soċjeta konvenuta, jidher li l-ħlas ta' Lm1,600 sar b'riferenza ghall-kuntratt tal-1 ta' Marzu 2003 li l-konvenuta għamlet ma' Rodi Zeja (Dok. FL1, fol. 69) li hu l-istess persuna li għamel ix-xogħol fl-appartament tal-attur. Ftehim li a bazi tal-istima li ngħatat is-soċjeta konvenuta jidher li ma kienx jinkludi l-appartament numru 2, ċjoe' tal-attur. Is-soċjeta konvenuta ma ppreżentatx stima li tirrelata għall-appartament numru 2. Prova li tindika li x-xogħol fl-appartament numru 2 ma sarx mis-soċjeta konvenuta. L-unika stima li ġiet preżentata[17] fir-rigward tal-appartament numru 2, hi f'isem l-attur datata 13 ta' Awissu 2003. Jekk kif qal Albert Xuereb kien hu li ħallas għax-xogħol tal-elettriku li sar fl-appartament numru 2, il-qorti tippretendi li dak l-appartament kien ikun inkluż fl-istima Dok. FL4 u FL5 (fol. 22 u 23).

Fiċ-ċirkostanzi l-qorti tikkonkludi li din il-pretensjoni hi wkoll ġustifikata, in kwantu l-verżjoni li ta l-attur dwar ix-xogħol tal-elettriku u ilma hi kredibbli filwaqt li dik li ta Albert Xuereb m'hijiex. Meta tikkunsidra l-istima li ngħatat fir-rigward tal-appartamenti l-oħra, il-ħlas li jippretendi l-attur fir-rigward tal-elettriku u ilma, hu viċin hafna tal-istejjem l-oħra, u għalhekk il-qorti taccettahom.

B'riferenza ghall-appell inċidentali, il-qorti m'għandhiex x'iżżid ma' dak li diga ngħad hawn fuq, ħlief li d-dokument a fol. 42 m'huwiex prova li x-xogħol kollu fuq il-lift kien tlesta. Id-dokument tħejja minn perit arkitett u mhux inġinier, u għalhekk probabilment dak id-dokument m'għandu l-ebda rilevanza għal dak li jikkonċerna l-funżjonabilita' tal-lift. Fil-fatt dak iċ-ċertifikat għandu d-data tas-26 ta' Jannar 2006, filwaqt li l-kont relatat mal-lift għandu d-data tat-23 ta' Awissu, 2011 (fol. 17). Ix-xogħol li jissemma fil-kont jagħti lill-qorti x'tifhem li kien xogħol li għad fadal x'isir. Saħansitra, f'ittra datata 18 ta' Novembru, 2006[18], l-attur semma x'kien għad irid jiġi nstallat fil-lift[19]. Affarijiet li effettivament jissemmew fil-kont tat-23

[16] Preżentat minn Albert Xuereb.
[17] Fol. 61-63.
[18] Fol. 40.
[19] "*1) Intercom & Emergency Dialler; 2) Door obstruction sensors; 3) Auto lift lowering mechanism on power failure; 4) Auto door opener on power failure; 5) Backup battery for emergency lighting and door opening*" (fol. 40).

ta' Awissu, 2011.

**Għal dawn il-motivi:**

i. **tilqa' l-appell;**

ii. **tiċħad l-appell inċidentali.**

iii. **tvarja s-sentenza tal-4 ta' Frar, 2015 billi tilqa' t-talba tal-attur fl-intjier tagħha u tikkundanna lis-soċjeta konvenuta tħallsu s-somma ta' tlett elef u disgħa u għoxrin ewro (€3,029), bl-imgħax mid-data tan-notifika tal-avviż tat-talba.**

iv. **Spejjeż taż-żewg istanzi a karigu tas-soċjeta konvenuta.**

Anthony Ellul.